MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1492/1994/1

Sue Rossi
vs
It-Tabib Dr. Joseph sive Josie Muscat f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' "St. James Childbirth Centre", kif ukoll martu Franca Muscat ghal kull interess li jista' jkollha

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici li biha ppremettiet:

Illi l-attrici kienet ghamlet intervent kirurgiku maghruf bhala "colposcopy" gewwa s-St. James Childbirth Centre gestit u amministrat mill-konvenut pro et noe et ghall-ahhar ta' Lulju 1994.

Illi dan l-intervent kien gie rakkomandat mill-konvenuti pro et noe et wara li l-attrici kienet welldet tarbija gewwa l-istess St. James Childbirth Centre.

Illi immedjatament wara li ntemmet l-operazzjoni, l-attrici bdiet titlef hafna demm u bdiet issofri minn ugiegh kbir u kumplikazzjonijiet fizici ohrajn ta' natura straordinarja, ghal liema raguni l-attrici kellha tigi rikoverata bl-urgenza fl-Isptar San Luqa fejn inzammet ghal gimgha shiha sabiex tinghata kura ghall-kumplikazzjonijiet fizici li minnhom bdiet isofri.

Illi l-Awtoritajiet ta' l-Isptar ikkonfermaw li l-attrici kienet qieghedha ssofri minn griehi serji li kienu zviluppaw wara l-intervent fuq imsemmi. Kif jista' jigi ikkonfermat ukoll mid-discharge certificate rilaxxjat mill-Awtoritajiet ta' l-Isptar ta' San Luqa.

Illi l-attrici ghadha tinghata l-kura ghall-griehi li sofriet u qieghedha ssofri danni konsegwenzjali konsistenti f'telf ta' profitti min-negozju taghha ta' l-immudellar, peress li l-griehi kienu jimpedixxu lill-attrici milli tezegwixxi l-kors normali tax-xoghol taghha.

Illi l-konvenuti pro et noe huma unikament responsabbli ghad-danni subiti mill-attrici.

L-attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti pro et noe et huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici okkorrendo bl-opera ta' perit nominand.

3. Tikkundanna lill-konvenuti pro et noe et ihallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti pro et noe et inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal- ta' Settembru, 1994. Il-konvenuti pro et noe et gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi s-St. James Childbirth Centre mhix enti b'personalita` guridika u konsegwentement il-konvenut Dottor Joseph sive Josie Muscat in kwantu mharrek ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess St. James Childbirth Centre kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-konvenuta Franca Muscat mhijiex legittima kontradittura f'din il-kawza u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi c-citazzjoni kif formulata ma taghtix il-kawzali li fuqha l-attrici qed tibbaza r-responsabilta` tal-konvenuti skond il-ligi.

4. Illi f'kull kaz fil-meritu l-intervent kirurgiku operat fuq l-attrici indikat wara rizultati tal-laboratorju u sar skond id-dettami tax-xjenza u tal-professjoni medika. L-intervent kien irnexxa kompletament, u jekk gara xi haga wara fid-dekors tal-konvalixxenza l-konvenuti ma kellhom ebda htija.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti pro et noe et.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti ***pro et noe et.***

Rat id-digriet tas-26 ta’ April 1995 li bih gew nominati Dr. Mark Brincat bhala perit mediku u Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali.

Rat id-digriet tas-6 ta’ Gunju 1995 li permezz tieghu Dr. Donald Felice gie nominat bhala perit mediku in sostituzzjoni ta’ Dr. Mark Brincat.

Rat id-digriet tal-31 ta’ Mejju 1996 li bih Dr. Edgar Agius gie nominat bhala perit mediku in sostituzzjoni ta’ Dr. Donald Felice.

Xehed Mr. Alfred Gatt li semma li l-unika darba li kien ra lill-attrici kien fid-9 ta’ Awissu 1994 meta kienet marret il-klinika tieghu. Qaltlu li kellha tarbija xahrejn u nofs qabel. F’Lulju kienet ghamlet ***test*** jghidulu ***pap smear*** u ma kienx hareg normali. Kienet ghamlet ***colposcopy*** f’St. James Clinic li kien ikkonfermalha li kien hemm patologija fl-ghonq ta’ l-utru. L-attrici kienet ilmentat li kienet qed issofri minn kwantita` ta’ tisfija fl-utru. Kienet qed tiehu antibiotici li tahomla l-konvenut izda baqghet sejra ghall-aghar. Ix-xhud ezaminaha u sab li qed tbati minn ***profuse offensive discharge***, u kien hemm sinjal li l-ghonq ta’ l-utru kien gie operat u minn dak li ra ikkonkluda li l-attrici kienet ghamlet ***lletz biopsy***. Kellha infezzjoni u dehrlu li l-attrici kellha tidhol l-isptar biex l-antibiotici li kellha tiehu, li kienu differenti minn dawk li kien taha l-konvenut, jigu somministrati ***intravenously*** u biex ikun hemm kontrolli ohra. Dahlet l-isptar fl-10 ta’ Awissu u minn ***routine investigations*** irrizulta li kellha ***white blood count*** gholi, u dan juri process infettiv. Apparti dan, il-kundizzjoni tal-attrici kienet tajba. Hi rrispondiet tajjeb hafna ghall-kura u wara sitt ijiem giet ***discharged*** mill-isptar. Meta harget mill-isptar ma kenitx ghadha fieqet ghax process bhal dan jiehu z-zmien biex ifieq. Fil-fatt ix-xhud kien iccertifika li l-***profuse discharge*** kien naqas izda kien ghad baqa’ process ta’ fejqan. Ix-xhud semma li l-infezzjoni hija r-riskju tal-process tal-***biopsy***. Ikkonferma c-certifikat li kien irrilaxxja.

Lill-attrici kien issuggerielha li tibqa' tmur ***out patient***, u hi ssuggeriet li tmur il-***clinic*** tieghu, u hu taha appuntament ghal gimgha wara. Meta marret il-klinika tieghu, sab li l-process kien sejjer tajjeb u ma kienx hemm infezzjoni, il-lezjoni li kien hemm kienet qed tfiq. F'Ottubru kien ghamlilha ***smear test*** iehor u rrizulta ***just inflammatory***, jigifieri kien hemm biss sinjal ta' irritazzjoni bl-ebda indikazzjoni ta' ***discharge***. Ma kienx hemm sinjal tal-patologija originali. Minn dan ix-xhud ikkunsidra li bil-patologija originali u bit-***treatment*** li kienet hadet St. James Clinic l-attrici kienet fieqet. Kien hemm sinjali ta' l-ghonq li kien ghadu irritat, jigifieri kien ghadu ghaddej il-process ta' fejqan, pero` ma kienx hemm patologija ohra tidher. Wara dan ma kienx rega' raha. Qal li pazjenta li tissottometti ruhha ghal dan it-tip ta' intervent ghandha r-riskju ta' infezzjoni immedjata. Qal li meta ra hu, il-pazjenta ma kenitx debilitata.

In kontro-ezami qal li meta rrefera ghal tisfija ma kienx qed jirreferi ghal ***bleeding*** ghax fil-fatt ***bleeding*** ma kienx hemm. Hu ma setax jafferma jew jeskludi kienx hemm promiskjuwita`. Qal li l-feqjan tad-***deep lesion*** idum minn ta' l-anqas sitt gimghat jekk ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet. Issir rakkomandazzjoni li qabel issir il-***biopsy*** ma jkunx hemm ***intercourse*****.** Qal li l-griehi li kellha l-attrici kienu gravi bizzejjed li jirrikjedu ***hospitalisation***, u dawn zviluppaw wara l-intervent imsemmi. Ma setax jghid x'kien hemm qabel. Dawn kienu griehi mhux normali li jigru pero` huwa possibbli li ssir infezzjoni ta' dan it-tip meta jkun hemm ferita li tinfetta. Hu ma kienx qal lill-attrici li l-intervent kien sar hazin u ma qalilhiex li xi hadd infettaha jew li dak li kellha kien kawzat minn xi intervent hazin.

Gie prezentat affidavit ta' David Mizzi li fih issemma li hu u l-attrici kellhom relazzjoni ghal numru ta' snin li minnha kellhom zewgt itfal. Kompla jghid li meta l-attrici harget tqila bl-ewwel wild taghha kienet bdiet taghmel visti regolari f' St. James Clinic, u t-tarbija kienet giet imwielda hemm ukoll. Ix-xhud kien prezenti u qal li ma kienx hemm kumplikazzjonijiet. Dak iz-zmien hu u l-attrici kienu jghixu flimkien. Qal li l-attrici kienet marret St. James Clinic

taghmel ***smear test*** u wara ftit baghtu ghaliha u qalulha li rieduha taghmel ***colposcopy***. Hu ma kienx akkumpanjaha. Wara li marret lura d-dar l-attrici kienet qaltlu li kienet mugugha hafna. Minn St. James Clinic kienu qalulha li dan kien normali u qalulha tinhasel b'xi ***douche*** u tawha xi pilloli ghall-ugiegh. Ftakar li minhabba l-infezzjoni li kellha l-attrici kien hemm riha tinten. Biex jiehdu ***second*** opinion kienu marru l-klinika ta' Dr. Gatt u dan ezaminaha fil-prezenza tax-xhud. Fil-kors ta' l-ezami Dr. Gatt kien preokkupat u esprima l-kliem "***my goodness what a mess***". Dr. Gatt kien qallu li kien hemm ***burnt tissues*** u baghat lill-attrici l-isptar ghal ***treatment***. Sostna li Dr. Gatt spejaglu li kienu saru xi zbalji mill-konvenut. L-attrici kienet baqghet l-isptar ghal xi jiem. Dr. Gatt kien spjegalhom li dak li gara seta' jkollu konsegwenzi f'kaz ta' tqala ohra li seta' jkollha. Wara l-hlas tat-tifla Valentina u dak kollu li kien gara hu u l-attrici damu ma jkollhom sesswalment flimkien ghal numru ta' xhur. Eventwalment l-attrici nqabdet tqila bit-tifel, Dean, li twieled prematur ta' sitt xhur tqala.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace li fih ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

**"KUNSIDERAZZJONIJIET:**

6. Il-konsiderazzjonijiet medici f'din il-kawza u l-konkluzjonijiet li jitnisslu minnhom gew redatti minn Dr. E. A. Agius, bil-kollaborazzjoni ta' l-esponent, kollaborazzjoni reciprokata in kwantu ghall-espletament tal-inkarigu tal-esponent, fejn kien indikat.

7. Rigward l-eccezzjonijiet ta' indoli preliminari u procedurali, l-esponent iqis dan:

a. Dwar l-ewwel eccezzjoni, hawn si tratta ta' danni aquiliani allegati b'rizultat ta' imperizja da parti tat-Tabib Muscat. Ma jidhirx li c-citazzjoni tmur oltre dan. Ma hi allegata ebda inkompetenza jew inefficjenza da parti tas-St. James Childbirth Centre.

Darba li dan mhux allegat, allura l-kwistjoni jekk il-Clinic hiex enti guridika u jekk hi, min ghandu r-rapprezentanza

taghha ma tqumx. Dak li qed jigi kritikat hu l-operat tat-Tabib Muscat, ***sic et simpliciter***.

b. Dwar il-pozizzjoni ta’ Mrs. Muscat jidher li hi kienet estraneja ghad-danni kolpuzi li bihom qed jigi rinfaccjat zewgha.

c. It-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hi inaccettabbli: l-attrici qed titlob danni wara li, fis-sustanza, qed tallega negligenza, inefficjenza u imperizja da parti tal-konvenut fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu bhala tabib. It-talbiet huma dwar dikjarazzjoni li hu kkagunalha danni ghar-ragunijiet imfissra, il-likwidazzjoni tal-istess danni u l-kundanna versu l-konvenut li jhallas lill-attrici d-danni likwidati, naturalment ***si et quatenus***. Jigifieri din l-eccezzjoni hi ghal kollox insostenibbli.

d. Nigu issa ghall-mertu veru jigifieri r-raba’ eccezzjoni.

Mill-kumpless tal-provi kif migbura u mgharbla mill-perit mediku jidker li dak li sar hazin fil-procedura kollha hu li l-attrici ma gietx mgharrfa bizzejjed u kif ghandu jkun, b’dak li setghet tghaddi minnu, meta prezentat ruhha bhala pazjenta bl-ilment mediku partikolari taghha. Dwar dan il-konvenut ma jistax jistrieh jew jintrinceja ruhu billi jirreferi ghal xi proceduri stabbiliti ta’ taghrif fil-***clinic*** tieghu jew billi joqghod biss fuq dak li kelha taghmel Mrs. Calleja li kienet tassistih – kwalifikata kemm din kienet kwalifikata.

Lill-attrici kellu jinghadilha car u tigi avzata li waqt li t-tabib ikun qed jaghmel ix-xoghol professjonali tieghu irid ikollu certu margini ta’ diskrezzjoni biex isir dak li ghandu jsir, ***secundum artem***, meta tqis x’jista’ jiltaqa’ mieghu tabib.

Ghalkemm kull tabib ikollu sa certu punt, u sa certu punt biss, il-procedura tieghu, u mhux f’kollox il-wiehed hu fotokopja ta’ l-iehor, b’danakollu kollox irid ikun ***secundum artem***.

Zgur li ma giex pruvat li l-attrici sofriet xi dannu minhabba nuqqas ta’ hila ta’ Dr. Muscat. F’idejn haddiehor l-attrici

aktarx kienet tghaddi mill-istess perkors (salv il-margini ta' diskrezzjoni ezercitata ***on spot*** kif gja ssemma).

Il-fatt ta' nuqqas ta' taghrif adegwatament shih, fih innifsu ma kkaguna ebda danni mill-aspett mediku. Dan in-nuqqas izda aktarx gab preokkupazzjoni u ansjeta` fl-attrici li kienu evitabbli b'aktar premura min-naha tal-konvenut. Izda, fih innifsu ma kkagunax danni materjali anqas danni taht xi forma ta' spejjez ulterjuri.

Dak li ghaddiet minnu l-attrici kienet, piu` o meno, aktarx tghaddi minnu f'idejn kull tabib iehor bid-differenza li, l-ansjeta` u l-konfondament imfissra ma kienux ikunu daqstant. Fuq kollox kull tabib *jaccerta ruhu hu* li t-taghrif necessarju jkun inghata u miftiehem skond kemm tista' tapprezza u tifhem il-pazjenta partikolari. L-attri hi evidentement bniedma intelligenti u kapaci tifhem u tapprezza dak li jintqalilha. Dawn mhux affarijiet ta' semplici rutina izda huma pont necessarju bejn tabib u pazjenta.

8. Dan ifisser li r-raba' eccezzjoni ghandha tigi ukoll accettata. Izda c-cirkostanzi spejcjali mfissra jitolbu, fl-umli fehma tal-esponent, li jkun hemm temperament notevoli fil-***capo spese***."

Rat ir-rapport tal-perit mediku Dr. Edgar Agius li fih ghamel is-segwenti konkluzjonijiet:

"7. **Konkluzjoni**

a. Il-konvenut kien gustifikat li jaghmel il-colposcopy fuq il-parir tal-patologu Dr. Ali Salfraz.

b. Jidher li l-konvenut kien ottjena esperjenza sufficjenti fuq l-uzu tal-proceduri tal-colposcopy biex jinkariga ruhu mill-procedura li giet attwata fuq l-attrici.

c. Jezisti dubju fuq jekk l-attrici inghatatx informazzjoni bizzejjed cara u kompleta specjalment fuq il-procedura tat-therapeutic colposcopy u l-komplikazzjoni taghha.

d. Jidher, li wisq probabbli li l-istruzzjonijiet li kien imisshom jinghataw lill-attrici wara li giet attwata l-procedura, ma gewx moghtija li mill-konvenut u anqas minn Anne Calleja.

e. Sebat ijiem wara l-procedura l-attrici marret St. James Clinic ghax baqghet mugugha u titlef id-demm. Il-konvenut ezaminaha u kkonkluda li kellha infezzjoni. Hu ppreskrivielha kors ta' pilloli Retens (Doxycline) u Lomexine vaginal douches. Wara l-applikazzjoni ta' dawn, kemm l-ugiegh kif ukoll it-telf tad-demm waqaf. Dana kien treatment korrett u kien jidher car li l-infezzjoni giet ikkontrollata.

f. Jumejn wara dan l-attrici bdiet tara hafna ammont ta' 'foul smelling watery vaginal discharge'. Dan kien dovut ghat-tindif naturali ta' l-ammont tad-devitalised u necrotic tissue li kien sinjal ta' regressjoni ta' l-infezzjoni u mhux tal-gravita` taghha.

g. It-treatment ta' Dr. Gatt serva biex jghin u jghaggel il-process tal-fejqan ta' l-infezzjoni gja mibdija mill-kors tal-pilloli (Retens) li kien gja ppreskriva l-konvenut wara l-ahhar visita li ghamlet ghandu, u skond in-noti ta' l-isptar biex jelimina l-possibilita` tal-prezenza ta' "vescico vaginal fistula".

h. L-unika dizabilita` li sofriet l-attrici kienet dik ta' "incompetence of the cervix" li ta' kulltant tigri (13%) wara l-procedura mwettqa mill-konvenut u li ma tkunx necessarjament dejjem dovuta ghal xi negligenza jew inkompetenza min-naha ta' l-operatur.

i. L-attrici giet kompletament imfejqa mill-kundizzjoni li ghaliha giet imwettqa l-procedura mill-konvenut."

Rat id-domandi li saru lil Dr. Edgar Agius u r-risposti li ta ghalihom u qed tikkwotahom ***in toto***:
**"**(i) Fir-rizultat tas-'cervical smear test ta' l-attrici l--konsulent patologista Dr. Ali Safraz iccertifika illi kien sab illi "numerous mildly dyskaryotic squamous epithelial cells are evident Associated koilocytosls are also visible.

These are compatible with a possible CIN I lesion. Colposcopic Investigation is advisable”.

- Tista’ tispiega ‘x’testijiet jkunu saru minn Dr Safraz biex seta’ jasal ghal din il-konkluzjoni u tispjega wkoll dwar l-ezattezza ta’ dawn it-testijiet?

Generalment is-cervical smear tittiehed fuq slide mit-tabib jew mill-ginekologista tal-pazjenta. Din tintbaghat fil-Laboratorju biex tigi processata halli l-patologista jkun jista’ jirrapporta fuqha.

Il-patologista, jezamina bir-reqqa jekk is-***slide*** tkunx ippreparata sewwa, jekk ikunx fiha ***material*** bizzejjed u jekk ikunx hemm celluli minn dik il-parti tat-‘***transformation zone***’.

Wara li hu jissodisfa ruhu minn dawn huwa jkompli jezamina bil-mikroskopju biex ikun jistghu jigu identifikati c-celluli, il-kwalita`, varjeta`, u l-ammont kif ukoll l-istat tan-***nucleus*** taghhom. Wara dan huwa jaghti r-rapport fuq dak li ra u fejn ihoss necessita`, jaghti l-parir tieghu. L-ezattezza ta’ dan il-process jiddependi mill-kwalita` tas-***smear***, minn kif tigi processata s-***slide*** u mill-esperjenza tal-patologista li jirrapporta fuqha.

X’wassal lil-Dr Safraz li jaghti l-parir tieghu lill-konvenut biex jittiehdu mizuri ghall-investigazzjoni bil-‘***colposcope***’ nahseb li kien aktarx biex ikun zgur mill-gudizzju tar-rapport tieghu.

Dr Safraz huwa konsulent patologista fit-***Teaching Hospital*** fl-isptar ta’ San Luqa li ghal hafna snin kien u ghadu involut f’dan il-kwalita` ta’ xoghol u ma ghandux ikun hemm dubju rigward il-kompetenza tieghu.

- Tista’ tispjega izjed dwar “a CIN 1 ***lesion***” u differenza ta’ CIN 2 jew CIN 3?

Is-CIN, li hi abbrevjazzoni ta’ Cervical Intraepithelial Neoplasia, hija klassifika konoxxuta li tiddeskrivi varjeta` ta’ gradi ta’ celluli anormali li jkun jinsabu f’wicc il-***lining***

ta' l-ghonq ta' l-utru. Dawn ic-celluli anormali, li mhumiex ***cancer cells***, imma certi minnhom jistghu matul iz-zmien, jizviluppaw f'***cancer***.

Is-CIN hija l-aktar klassifika uzata u tidddeskrivi tliet gradi ta' celluli anormali. Dawn ic-celluli anormali jissejhu ***dyskaryotic cells*** li juru l-anormalita` tan-***nucleus*** ta' cellula. Il-klassifika hija bazata fuq il-grad ta' l-anormalita` tan-***nucleus*** tas-***cervical cells*** li tigi rapportata mill-patologu.

CIN 1 Turi mild ***abnormatity*** tan-***nucleus*** <u>***Mild*** *Dyskaryosis*</u>

CIN 11 Turi ***moderate abnormality*** tan-***nucleus*** <u>***Moderate*** Dyskaryosis</u>

CIN 111 Turi ***severe abnormality of the nucleus*** ***Severe*** *Dyskaryosis*

Generalment f'kazijiet fejn is-***cervical smear test*** juri CIN1, jigifieri ***mild dyskariosis***, is-***smear test*** jigi repetut wara tlitt/sitt xhur, ghax hafna minn dawn ic-celluli anormali (70%) jistghu jmorru lura. Pero` hemm ginekologisti li jekk is-***smear test*** juri l-presenza ta' ***dyskarosis***, irrespettivament mid-***degree*** tas-severita` taghha jadvokaw li jaghmlu ezami bil-***colposcope*** mill-ewwel.

F'kazijiet ta' CIN 11 u CIN 111 issir '***diagnostic colposcopy***' u waqt jew wara, issir '***therapeutic colposcopy***', skond ir-rapport tal-patologista jew id-decizjoni ta' l-operatur.

• Tista' tghidilna jekk mic-certjfikat ta' Dr Safraz kenitx temergi stampa allarmanti jew inkella semplicement inghata l-parir illi possibilment isir "***a colposcopic investigation***"?

Mir-rapport ta' Dr Safraz ma kienet temergi l-ebda stampa allarmanti - semplicement li kien tal-parir li ssir investigazzjoni permezz tal***Colposcope***.

- X'inhi u xi tkun id-distinzjoni bejn kieku l-patologista Dr Safraz iccertifika li "***a colposcopic investigation is advised***" minn "***a colposcopic investigation is advisable***" kif fil-fatt iccertifika?

Id-differenza bejn "***is advised***" u "***is advisable***", ghalkemm jista' jkun hemm xi differenza, fit-fatt, ma taghmel l-ebda differenza fir-rapport ta' Dr Safraz ghat-tabib li jircevieh.

Wara li jittiehed is-***cervical smear test*** it-trattament ikun dejjem jiddependi fuq ir-rizultat tar-rapport tal-patologista. Kemm jekk jikteb "***advise***" jew "***advisable***" xorta t-tabib ihossu fid-dover li jaghmel dak li jigi suggerit mill-patologista.

- Tista' tghidilna jekk l-intervent illi sar mill-konvenut kienx jammonta ghal semplici "***colposcopic investigation***" kif rakkomandat jew inkella jekk huwa marx oltre.

L-intervent li sar mill-konvenut ma kienx semplici ***investigation*** imma dak ta' "***a colposcopic therapeutic procedure***" ghax il-konvenut deherlu li jkun ta' vantagg ghall-attrici li ssir kemm l-investigazzjoni kif ukoll it-trattament f'sessjoni wahda, (Metodu ta' "***See and Treat***"), invista tas-suspett li l-konvenut kellu.

- Ghal dak li jirrigwarda l-kredenzjali u l-kwalifiki tal-konvenut, inti ghidt illi mehtieg li jkollok kwalifiki partikolari biex taghmel '***colposcopy***' u tikkwota (lill-professur Roger Smith u Frank W. Link in sostenn ta', dan l-argument.

- Tista' tghidilna pero` jekk idealment bniedem ikun partikolarment kwalifikat u mhux semplici ***general practitioner*** bhall-konvenut biex taghmel intervent bhal dan?

Jiena naqbel li minn iwettaq '***therapeutic colposcopy***' ghandu jkun tabib ittrenjat sewwa fis-suggett irrespettivament mill-kwalifiki li jkollu.

***General Prctitioners*** huma klassifikati bhala ***Primary Care Physicians*** u l-***Primary Care*** hija meqjusa llum il-gurnata bhala specjalita`. It- training ta' kull tabib ghandu li kwalifiki bizzejjed biex iwettaq il-procedura minima ta' '***diagnostic colposcopy***' li tikkonsisti billi jiddahhal spekulu fil-vagina biex jesponi l-ghonq ta' l-utru, biex dan ikun jista' jigi spezzjonat bil-'***colposcope***' u jittiehed biopsija tal-parti suspettuza.

Il-procedura ta' '***therapeutic Colposcopy***' tirrikjedi kors specjali. Dan il-kors mhux ***beyond*** il-kwalifika ta' ***Primary Care Physician*** minghajr ***post graduate qualification*** fil-ginekologija. Galadarba l-operatur ikun ghamel il-kors rekwizit, bhal ma allega l-konvenut li kien ghamel, huwa jkun kwalifikat bizzejjed biex iwettaq il-procedura ta' '***therapeutic Colposcopy***'. Il-***colposcopy*** mhix il-prerogattiva tal-ginekologista biss. It-'***therapeutic colposcopy***' mhix trattament ta' kancer ta' fejn ta' bil-fors ghandu jkun hemm il-prezenza tal-ginekologista u onkologista.

• Il-professuri Smith u Link minnek citati jghidu li fil-kaz ta' '***therapeutic colposcopy***' kif ghamel il-konvenut, "***appropriate supervised experience ..should be taken before this technique is used***". Nghid tajjeb illi l--konvenut ma gab ebda prova illi effettivament huwa kellu "***appropriate supervised experience***" fl-operat ta' "***therapeutic colposcopy***"?

Il-konvenut allega li kien attenda diversi korsijiet f'diversi pajjizi Ewropej fuq l-uzu tal-***colposcope*** kemm bhala strument ghall-uzu ta'dianjosi kif ukoll ghall-uzu terapewtiku. Huwa wkoll allega li kien l-ewwel wiehed f'Malta li dahhal l-uzu tal-Lletz.

Il-konvenut ma ssottometta l-ebda dokumenti li jappoggjaw l-allegazzjoniet tieghu. Imma lokalment il-konvenut dejjem kien maghruf bhala tabib b'interess specjali bejn is-suggett ta' l-ostetricija u l-ginecologija. Kellu l-klinika tieghu fejn kien jehu hsieb ta' diversi kazijiet tal-maternita` kif ukoll kazijiet tal-ginekologija, fejn wettaq

numru sostanzjali ta' hlasijiet u operazzjonijiet minuri wahdu u assista ghal hafna operazzjonijiet magguri ma' diversi konsulenti tal-maternita` u tal-ginekologija. Jidher li l-konvenut b'dan kollu seta' jizviluppa esperjenza kirurgika bizzejjed biex iwettaq il-procedura ta' '***therapeutic colposcopy***'.

• Nghid tajjeb illi hemm differenza kbira, kemm fin-natura ta' l-intervent kif ukoll fil-konsegwenzi li jista' jkollu dak l-intervent, bejn ***a diagnostic colposcopy***, illi skond Smith u Link tista' ssir anke wara struzzjoni minn "***self learning packages***" u "***therapeutic colposcopy***" fejn mhux biss hija ***advisable*** izda hija mandatorja ("***should be undertaken***") illi wiehed ikollu "***appropriate supervised experience***" qabel ma jaghmel dan l-intervent?

Minghajr dubju tezizti differenza bejn l-intervent ta' '***diagnostic colposcopy***' u dik ta' '***therapeutic colposcopy***'. Bhala regola generali l-operatur ghandu dejjem jizgura li jippossjedi dawk ir-rekwisiti li jiddomandaw dawk l-interventi kirurgici li jkunu sejrin jittiehdu.

• Inti ghidt fir-rapport tieghek illi f'hafna kazijiet fejn hemm kaz ta' ***dyskaryosis*** dawn ic-celluli jistghu jmorru lura u b'hekk tevita l***colposcopy***. Nafu wkoll illi Dr Safraz ikklassifika dawn ic-celluli bhala "***mildly dyskaryotic***" u li possibilment u (allura mhux necessarjment) huma kompatibbli ma' CIN 1 lesion" illi hija klassifikata bhala "***Mild***" u cioe` fl-inqas skaletta ta' gravita`. Il-konvenut minhabba li ntqal fic-certifikat ta' Dr Safraz illi "***a colposcopic investigation is advisable***", ipproceda mill-ewwel biex jaghmel il-"***colposcopy***" minflok stenna r-ripetizzjoni ta' ***smear test*** kif isir f'hafna kazijiet, kif irrivelajt int stess fir-rapport tieghek. Il-konvenut m'ghamilx biss "***diagnostic colposcopy***" kif kien ta parir il-patologu Dr Safraz izda fl-istess u waqt l-istess intervent wettaq procedura permezz ta' Lletz minhabba li deherlu li kien hemm hafna "***suspicious areas***".

• Tista’ tghidilna mir-rizultanzi tieghek kemm ghadda zmien bejn meta nhareg ic-certifikat ta’ Dr Safraz u meta sar l-intervent mill-konvenut fuq l-attrici?

Ir-rapport tas-***smear test*** hareg minn Dr Safraz fis-16 ta’ Lulju 94 u l-intervent sar fit-30 ta’ Lulju 94. Ghalhekk iz-zmien li ghadda bejn il-hrug tar-rapport tas-***smear test*** minghand Dr Safraz u twettieq ta’ l-intervent fuq l-attrici kien ta’ 14 il-gurnata.

• Tista’ tispjegalna l-process u tul ta’ zmien involut biex sitwazzjoni li tkun giet klassifikata bhal CIN 1 ***lesion (mild)*** mill-patologu tipprecipita ghal wahda li titlob intervent ***immediate*** permezz tal-Lletz kif ghamel il-konvenut?

L-***abnormal cells*** ta’ klassi CIN 1 li jistghu jinstabu f’***cervical smear test*** mhumiex ‘***cancer cells***’. Il-bicca l-kbira minn dawn imorru lura. Jekk jibqghu u ma jigux ittrattati maz-zmien jistghu jizviluppaw f’***cancer***. Dan il-process generalment jiehu zmien twil u ma jitlobx intervent terapeutiku bil-Lletz immedjat.

Li jsir ezami djagnjostiku bil-***colposcope*** f’kazi ta’ CIN 1 kmieni, ghalkemm mhux tas-soltu, ma jkunx totalment barra minn loku. Infatti tezizti tendenza minn xi ginekologisti li jadvokaw “***colposcopic examination***” f’kull kaz ta’ ‘***Mild dyskayosis***’ peress li l-procedura ta’ ‘***diagnostic colposcopy***’ hija minima, ta’ malajr, bi ftit inkonvenlenza, minghajr riskju u aktar ta’ min joqghod fuq ir-rizultat taghha minn dak tas-***smear test***.

• Tista’ tghidilna jekk il-patologija li ddeskriva Dr. Safraz fic-certifikat hix konsoni ma’ sitwazzjoni li titlob intervent immedjat bil-Lletz kif ghamel il-konvenut?

Rizultat ta’ possibbli CIN 1 ma jirrekjediex ebda urgenza u uzu specjalment ta’ l-Lletz.

Fil-kaz odjern il-konvenut deherlu li l-istat tat-tessut tal-ghonq ta’ l-utru kien tant suspettus li kellu jitnehha bl’uzu tal-Lletz.

- Nghid tajjeb illi normalment dak li jsir huwa li jittiehdu "***punch biopsies***" biex il-materjal jintbaghat halli jigi ezaminat fil-laboratorju.

Kull ma jsir waqt "***diagnostic colposcopy***" huwa li jittiehdu ***punch biopsies*** mill-partijiet suspettusi ghall-ezami istologiku. Wara, skond ir-rizultat ta' dawn, isir dak kollu li jkun hemm bzonn.

- Tista' tghidilna jekk l-intervent permezz tal-Lletz hiex indikat meta ghandek sitwazzjoni ta' CIN 1?

F'kazi ta' CIN 1, normalment ma jkunx hemm bzonn l-uzu ta' talent tat-tip tal-Lletz.

- Tista' tispjegalna d-differenza, fin-natura taghhom bejn '***a diagnostic colposcopy***' kif kien ta parir li jsir Dr Safraz, u '***a therapeutic colposcopy***', kif ghamel il-konvenut, u tghidilna jekk kienx etiku illi jaqbad u jsir intervent li ghamel il-konvenut minghajr il-kunsens ta' l-attrici u jekk dan kellux isir minghajr somministrazzjoni ta' loppju kif fil-fatt sar?

Bhal ma spjegajt 'il fuq, id-***diagnostic colposcopy*** hija ta' natura ta' dianjosi u mhux ta' trattament, ghalhekk id-"***diagnostic colposcopy***" tikkonsisti li jittiehdu diversi '***punch biopsies***' mill-ghonq ta' l-utru u jintbaghtu l-laboratorju biex fuq ir-rapport tal-patologista jsir jew ma jsirx trattament kirurgiku.

Fil-kas ta' '***therapeutic colposcopy***' isir trattament li generalment jigi iggwidat mill-kontenut tar-rapport tal-patologista fuq il-***biopsies*** mehuda waqt id-"***diagnostic colposcopy***". Din issir taht anestezija lokali jew generali skond in-natura tal-procedura li sejra tittiehed.

Fil-kaz odjern l-intenzjoni kienet li ssir "***a diagnostic colposcopy***" fuq il-parir tal-patologista bazat fuq ir-rizultat tas-***cervical smear test***.

Kultant ir-rizultat ta' s-***smear test*** mhux dejjem jirrifletti totalment l-istat reali ta' l-ghonq ta' l-utru. Il-konvenut, waqt il-procedura ta' '***diagnostic colposcopy***', dak il-hin deherlu, li tant kien hemm tessut suspettus, li kontra l-intenzjoni primarja tieghu, iddecieda li jadotta "***a therapeutic colposcopy***". Bhala rizultat ta' dan tnehha ammont konsiderevoli ta' tessut, ikkonsidrat suspettus, mill-ghonq ta' l-utru.

Jidher li kemm l-anestezija kif ukoll l-'***informed consent***' aktarx li ma kienux adegwati ghall-procedura improvisa li l-konvenut wettaq. Waqt proceduri improvisi jista' jigri li kemm l-anestezija kif ukoll il-kunsens jista' jonqsu li jkunu ezegwiti sewwa.

- Tista' tghidilna jekk inti ezaminajtx il-histology report tat-tessut li qata' l-konvenut bl-intervent li ghamel permezz tal-Lletz, u jekk le, ghaliex ma deherlikx li dan kien importanti halli wiehed jara jekk ir-rizuitanzi ta' dak il-'***histology report***' jissufragjawx dak li qed jikkontendi l-konvenut li kien hemm bizzejjed ***suspicious areas*** biex jaghmel l-intervent bil-Lletz, u jekk iva, tista' tghidilna x'irrizulta minn dan il-'***histology report***', u kif daw ir-rizultanzi jirriflettu fuq id-decizjoni li ha l-konvenut?

Jiena rajt il-***histology report*** tal-Patologista Dr Safraz fuq dak kollu li nehha l-konvenut mill-ghonq ta' l-utru li kien dak ta' CIN 11. Generalment f'kazijiet ta' CIN 11 ma' jkunx hemm bzonn fejn jitnehha dak l-ammont ta' tessut ghax il-lesioni ta' CIN 11 ma tkunx ta' dak il-fond. Imma l-konvenut kien perswaz li dak kollu li hu nehha kien, fl-esperjenza tieghu jidher suspettus.

- Tista' tghidilna jekk, kieku rrizulta xi haga mill-***histology report*** jew minn dak illi sab il-konvenut, ezempju kancer, kienx jigi suggerit trattament ulterjuri ghall-attrici?

Li kieku mill-***histology*** irrizulta li l-attrici kellha kundizzjoni differenti minn dik li l-konvenut kien qieghed jistenna, bhal kancer, it-trattament ikun jista' jigi indirizzat ghal dik il-kundizzjoni minghajr ma jkun sar ebda detriment b'dak li wettaq il-konvenut.

- Il-fatt illi l-attrici qatt ma giet infurmata bir-rizultanzi tal-***histology*** u x'kien hemm fit-tessut illi qatalghlha l-konvenut mill-ghonq ta l-utru, dan x'ifisser? Ifisser li effettivament ma kellha xejn u ghalhekk l-intervent sar ghalxejn u dan kollu kien jigi evitat kieku l-konvenut minflok qabad u ghamel l-intervent bil-Lletz huwa ha l-***punch biopsies*** u bghathom il-laboratorju biex jigu examinati?

Jekk hu hekk, li l-attrici ma gietx infurmata bir-rizultat tal-***histology*** tat-tessut li tnehha mill-ghonq ta' l-utru mill-konvenut, ma jfissirx li intervent li wettaq il-konvenut kien ghalxejn. Infatti ir-rapport ta' l-istologija wera li t-tessut li tnehha kien ta' CIN II u wara li l-attrici fieqet mit-***trauma*** tal-intervent, is- '***cervical smear test***' gie normali.

Il-konvenut wettaq '***therapeutic colposcopy***' ghalkemm is-***cervical smear test*** wera possibbilment CIN 1 u nehha tessut mill-ghonq ta' l-utru aktar mis-soltu, ghax mill-esperjenza tieghu deherlu, li t-tessut ta' l-ghonq ta' l-utru kien suspettus hafna u li f'dawn ic-cirkostanzi dehrlu li jkun ta' vantagg ghall-attrici li jsirilha t-trattament f'sessjoni wahda.

Rigward il metodu ta' '***see and treat colposcopy***' hu metodu li ghandu s-s-segwaci tieghu.

- Kieku ttiehdu il-***punch biopsies*** biex jigu ezarninati fil-laboatorju, kemm kien jiehu zmien dan il-process?

Il-process li tiehu l-***biopsies*** jiehu xi ghaxar minuti u biex jasal ir-rapport istologiku jiehu generalment bejn gimghatejn jew tlieta jiddependi mill-laboratorju.

- Tista' tghidilna jekk l-intervent li ghamel il-konvenut kienx in konformita` mal-RLC guidelines?

Ma nafx ghal liema ***guidelines*** qieghed tirreferixxi.

Jeziztu hafna ***guidelines*** minn diversi assoccjazzjonijiet tal-***colposcopy*** u bazikament kollha jaqblu. Dawn huma

kollha ***guidelines*** u dejjem ihallu ammont ta' latitudini versu l-operatur.

• Nghid tajjeb illi l-fatt illi l-attrici hija ghandha 13% disabilita` minhabba l-***incompetent cervix*** ta' l-utru huwa attribwibbli ghall- intervent illi sar mill-konvenut u li kieku saret biss '***a diagnostic colposcopy***' ma kienx ikun hemm dawn il-konsegwenzi.?

Li kieku ***saret diagnostic colposcopy*** biss evidentement ma kenitx tigi l-***incompetence of the cervix*** wara dan l-intervent.

It-13% citata minni fir-rapport tirriferixxi ghall-incidenza ta' l-***incompetent cervix*** wara proceduri li involvu tnehhieh konsiderevoli ta' tessut tal-ghonq ta' l-utru, u mhux ta' 13% ta' disabilita` li sofriet l-attrici.

L-unika konsegwenza li ggib l-***incompetence of the cervix*** hi li l-ghonq ta' l-utru ma jkunx jista' jzomm it-tqala ghal tulha kollha u jista' jikkaguna "***late miscarriages jew premature labours***", bhal ma gara fl-ahhar tqala tal-attrici stess.?

• Fil-konkluzjoniet tar-rapport tieghek inti ghidt illi l-unka dizabilita` li sofriet l-attrici kienet dik ta' "***incompetence of the cervix***" li kulltant tigri wara l-procedura mwettqa mill--konvenut u ma tkunx necessarjament dejjem dovuta ghal xi negligenza jew inkompetenza ta' l-operatur. Dan ifisser li hemm kazijiet meta tkun dovuta ghal xi negligenza jew incompetenza ta' l-operatur. Tista' tghidilna l-kaz odjern liema wahda minn dawn il-parametric jaqa', u ghaliex?

Ma nara l-ebda negligenza u inkompetenza min-naha ta' l-operatur fil-kaz odjern. L-intenzjoni tal-konvenut kienet dik li jaghmel ***a diagnostic colposcopy***. Imma meta huwa sab li kien hemm stat ta' suspett fis-'***cervix***' ferm aktar milli kien jindika fir-rapport tas-***smear test*** (li mhux l-ewwel darba li dan jista' jigri) huwa optja ghall-procedura ta' ***therapeutic colposcopy*** u nehha dak l-ammont ta' tessut li deherlu li kien suspettuz mill-ghonq ta' l-utru.

L-ammont ta' tessut li l-konvenut deherlu li kellu jitnehha mis-***cervix*** kien tali li rrizulta f'***incompetent cervix*** u kawza ta' dan l-attrici kellha hlas ***premature***.

Peress il-kawza ta' l-***incompetent cervix*** wara dawn il-proceduri, tigri bejn f'5-13% ta'dawn il-kazi, jista' barra minn dan is-***cervix***, ikun minnu, funzjonalment inkompetenti. Ghalhekk jena rrimarkajt li l-inkompetenza tas-***cervix*** tista' ma tkunx dejjem relatata ma dak li kellu jaghmel l-operatur.

Jeziztu kawzi ohrajn li jistghu jaghmlu s-***cervix*** inkompetenti bhal dilatazzjoni eccessiva, ticrit, hlas strumentali etc fejn jista' jidhol xi element ta' negligenza mill-operatur li ma tapplikax ghall-kaz odjern."

Xehed Dr. Edgar Agius in eskussjoni u irrefera ghal pagna 4 tar-rapport addizzjonali tieghu a fol 172 tal-process u mistoqsi bid-differenza li tezisti bejn '***is advised***' ghal '***is advisable***' qal li waqt li wahda hija affermattiva, fl-ohra hemm certu diskrezzjoni possibbli. Mistoqsi dwar dak li hemm a fol 5 tar-rapport a fol 173 tal-process fil-parti centrali dwar Therapeutic Colposcopy qal li l-konvenut ma gabx provi li ghamel dan il-kors. Possibilment ghal dak li hemm f'pagna 8 tar-rapport 176 tal-process, it-tieni paragrafu qal fil-fatt li dwar dawn ic-***cells*** huma ***pre-cancerous*** u mhux ***cancerous*** u dawn jekk idumu ma jsibux li jsiru ***cancer*** jiddependi min-natura taghhom. Ir-rakkomandazzjoni ghan-nies li jiddeciedu li jistennew hija li jirrepetu l-***pax smear every 3 to 6 months*** u jaraw jekk humiex sejrin lura jew le. Dwar dak li hemm fil-paragrafu li jmiss hemm zewg ***school of thoughts***, wahda illi tghidlek CIN 1 ***is abnormal***, ghamel ***diagnostic***, l-ohrajn jghidulek 70% imorru lura allura ***you can afford to wait and carry on with the pap smear***. Barra minn loku li jsir ***diagnostic***.

Decizjoni bhal din dejjem tittiehed mit-tabib mhux mill-pazjent pero` wiehed irid jara wkoll l-ansjeta` tal-pazjent. Generalment ma tirrikjedix a ***Therapeutic Colposcopy*** pero` ***pap smear*** mhix 100% ***relaiable.*** Dwar fol 177 tal-process, u 9 tar-rapport fil-parti centrali tieghu dwar il-Lletz

qal li dak huwa ***a large loop*** jigifieri l-***loop*** jaqta' iktar u generalment l-aktar li juzah fil-***conisation*** li jaqta' iktar fil-fond. Imma l-ammont ta' qtugh li jsir jiddependi mit-testijiet li jaghmel dak il-hin. Hemm xi celluli differenti, ic-celluli li jkunu ***pre-cancerous*** meta tizboghhom bl-***acetic acid*** u jsiru ***bludged, whitish*** u tinduna fejn ghandek taqta'. Taqta' skond ic-cirkostanzi li skond l-opinjoni tieghu.

Qal li l-pazjenta dejjem ghandha tigi konsultata skond ic-cirkostanzi li jkun hemm. F'dan il-kaz sar ***diagnostic*** u ndunaw li kien hemm bzonn ta' ***Therapeutic Colposcopy***. Waqt it-***Therapeutic Colposcopy*** indunaw ukoll li hemm iktar xi tnehhi b'testijiet li ghamlu bl-***acetic acid***. Qal li ma tistax tkun taf qabel. It-tabib improviza u sabu li kien hemm CIN 11. CIN 111 tghid iva taghmilha improviza, mhux improviza taghmel il-Lletz imma din il-Lletz gie uzat wara li dawk it-testijiet li saru li kien hemm bzonn tnehhihom dawk it-***tissues***. Mistoqsi jekk wiehed setax jipposponi d-decizjoni ghall-intervent bil-Lletz irrisponda li la tibda haga trid tispiccaha dak il-hin. Il-konvenut ipprova jaghmel ***a Diagnostic Colposcopy*** u waqtha induna li hemm ferm iktar milli suppost hemm u ddecieda li jaghmel a ***Therapeutic Colposcopy***. Ix-xhud qal li l-konvenut seta' qalilha li kien hemm aktar milli kien haseb hu u hi tiddeciedi jkomplix imma sostna li jekk it-***Therapeutic Colposcopy*** ikun bdiha, ikun ta' detrement ghall-pazjenta jekk ma tkomplihiex u skond li ssib taghmel dak il-hin u ma tistax tanticipa li ser ikun aghar jew ahjar. Li ser tnehhi jiddependi minn x'ser issib dak il-hin stess.

Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-fatt wiehed setax ikellem lill-pazjenta u jekk din setghetx tkun anzjuza zzejjed biex tirrispondi qal setghet bhala stat ta' fatt taghti r-risposti taghha. Il-kunsens li tawha qalet hi li ser jaraw ic-celluli fil-vicin. Hi ssottomettiet ruhha u marret ukoll biex jaghmlulha din il-bicca xoghol. Hi minghaliha hija haga m'hi xejn li ser tara c-celluli minn quddiem mentri saret a ***Diagnostic Colposcopy*** li giet f'***Therapeutic Colposcopy***. Ix-xhud deherlu li din kienet mhux ta' ***under general anaesthesia*** izda kienet ta' ***under local anaesthesia***. Qal li l-konvenut kellu jaghtu parir li ser isir

a ***Therapeutic one*** u jekk taccettax l-attrici jew le, dik haga normali li tabib hu obbligat li jghid lill-pazjenta qabel taghmel l-affarijiet. X'ser taghmel u jekk taccettax jew le hija totalment il-pazjenta. Kompla jghid li dik hija ***a standard procedure*** u accettata minn kulhadd. Sostna li f'dan il-kaz ma saritx ***an informed consent*** fuq it-***Therapeutic Colposcopy***. Ikkonferma li fil-fehma tieghu jekk wiehed ser jaghmel ***a Therapeutic Colposcopy*** wiehed ghandu jistaqsi lill-pazjenta biex jara l-kunsens taghha jew l-idejat taghha u f'dan il-kaz ma rrizultalux li tali domanda ghall-kunsens taghha kienet saret.

Mistoqsi jekk fil-fatt kellhiex ***partial anaesthesia*** jew le qal li skond ix-xhieda tal-konvenut kienet taht ***a local anaesthesia***. Qal li hija normali li taghti ***local anaesthesia*** meta taghmel a ***Diagnostic Colposcopy***. Id-***degree*** tal-***pap smear*** ta' l-abnormalita` kienet dubjuza jekk hiex CIN 1 jew le. Meta jkun ***border line case*** li jrid ikun zgur minnu, hemm jaghti l-parir li ***it could be advised or advisable***. L-intervent bil-***Lletz*** jista' jsir kemm taht ***local*** kif ukoll ***general***. Qal li ***local anaesthetic could be enough sometimes*** imma iktar komda li taghmilha ***under general anaesthesia*** jekk tabib ser juza l-***Lletz*** ghax dan qed janticipa li ser tnehhi hafna u jrid ikollok certa kumdita` aktar. Hemm min jaghmlu taht ***general*** u hemm min jaghmlu taht ***local.*** Ix-xhud qal li hu jippreferi jaghmlu taht ***general*** ghax ikun aktar komdu kemm ghat-tabib kif ukoll ghall-pazjenta.

B'referenza ghal pagna 13 tar-rapport addizzjonali tieghu u fol 181 tal-process fuq il-figura ta' 13% qal li mhux ***disability***. L-incidenza dovuta ghal li taghmel li jigri l-inkompetenza tas-***cervix*** jigri f'bejn 5% sa 13% tal-kazi meta tnehhi hafna. F'dan il-kaz kien tnehha hafna. Meta x-xhud ezamina lil-attrici sab li l-ghonq sar zghir qisu ta' wahda li qatt ma kellha tfal, jigifieri ***there was definitely a lot taken off*** ghax dehrlu li kien hemm bzonn u sar. Sostna li l-inkompetenza tas-***cervix*** fil-kaz tal-attrici kien bla dubju dovut ghall-ammont li kellu jnehhi mill-ghonq ta' l-utru. Dak li tnehha x-xhud ezaminahu u hareg ***history report*** tieghu. Kien CIN 11 jigifieri ammont moderat. CIN 11 normalment ma tnehhix dak l-ammont pero` jekk meta

taghmlu u qed titfa' ***you are staining with acetic acid*** u jigi ***bludged*** allura ghad hemm, skond kemm jigi ***bludged***.

In kontro ezami, mistoqsi dwar id-dokumentazzjoni tac-certifikazzjoni tat-tobba qal li minghalih staqsa jekk hemmx xi dokumenti imma ma kienx cert. Qal li deherlu li l-konvenut kellu esperjenza bizzejjed biex jaghmel dak li ghamel u dan mhux bazat fuq id-dokumenti izda semplicement fuq il-fatt li hu kellu dik il-klinika u hu maghruf li ghamel hafna kazijiet ta' maternita` u ta' ***minor gynecology***. Hemmhekk kellu sala operatorja ghal ***major operations*** u ghal ***Colposcopies*** li kien qed jaghmilhom haddiehor. Jigifieri l-konvenut ra hafna kazijiet u x-xhud sostna li jekk tara operazzjonijiet isiru tista' taghmilha inti. Kien dehrlu li ***on the whole*** il-konvenut seta' ghamel ***Therapeutic Colposcopy*** minghajr dannu.

Mistoqsi dwar jekk illum il-gurnata hemmx tendenza tat-tobba li fejn hemm ir-riskju ma jiehduhx qal li dan jiddependi fuq il-klassifika. Hemm min jemmen fuq il-klassifika u hemm min jghid li la hemm ***discariosis***, u ***abnormal cells*** aqbad u ghamel id-***Diagnostic***. Qal li l-informazzjoni li jkollok mid-***Diagnostic Colposcopy*** hija ferm superjuri min ta' ***Pax Smear***. Il-***Pax Smear*** mhux dejjem jirrelata x'hemm preciz u jista' jaghmel zball u jista' jaghti c-CIN1 u jkun CIN 11 u CIN 111. It-***Therapeutic Colposcopy*** tiddependi mill-i***staining*** li jsir fuq it-***tissue***. Zied jghid li Dr. Muscat qal li mdorri li bhala regola jsaqsi dwar il-kunsens izda f'dan il-kaz ma ftakarx jekk ghamilx hekk. Il-konvenut kellu ***standard system*** li hemm il-***midwife*** li taghti informazzjoni lill-pazjenta u jekk ikun hemm bzonn iktar ikun lest il-konvenut li jispjega izda l-pazjenta ma ammettietx dan. L-attrici qalet li kull ma qalulha li l-konvenut kien ser jipprova jara c-celluli mill-vicin.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Rapport Peritali</u>***

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:
"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz".
[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson vs John Saliba noe et**].

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor** (Prim'Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18/2/2004 intqal:
"Issa huwa pacifiku f' kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967;

Huwa minnu illi skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. "Dan pero` ma tistax taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li

gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" - "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi "f' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" - "**Benjamin Camilleri *nomine* -vs- Charles Debattista *nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001."

Fil-kawza **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:
"Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap 12 Art 681] , madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et]."

***<u>D2. Personalita` guridika tas-St. James Childbirth Centre</u>***

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi li s-St. James Childbirth Centre mhix enti b'personalita` guridika u

konsegwentement il-konvenut Dottor Joseph sive Josie Muscat in kwantu mharrek ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess St. James Childbirth Centre kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-fatt l-attrici ma gabet ebda prova tal-personalita` guridika indipendenti tas- St. James Childbirth Centre. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut ma gietx kontradetta. L-azzjoni attrici f’dan ir-rigward ma kinitx korretta. Ukoll fir-rapport tal-Perit Legali ntqal li hawn si tratta ta’ ***danni aquiliani*** allegati b’rizultat ta’ imperizja da parti tat-Tabib Muscat, u ma jidhirx li c-citazzjoni tmur oltre dan. Ma hi allegata ebda inkompetenza jew inefficjenza da parti tas-St. James Childbirth Centre, u dak li qed jigi kritikat hu l-operat tat-Tabib Muscat, ***sic et simpliciter***. Ghalhekk ukoll din il-Qorti tilqa’ din l-eccezzjoni preliminari, u tillibera lill-konvenut ghan-nom u in rappresentanza tas-St James Childbirth Centre mill-osservanza tal-gudizzju.

***D3. Franca Muscat mhijiex legittima kontradittura***

It-tieni eccezzjoni hija li l-konvenuta Franca Muscat mhijiex legittima kontradittura f’din il-kawza u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Perit Legali hass li dwar il-pozizzjoni ta’ Mrs. Muscat jidher li hi kienet estraneja ghad-danni kolpuzi li bihom qed jigi rinfaccjat zewgha. Il-Qorti ma taqbilx fis-sens li ghalkemm certament Franca Muscat zgur li kienet estraneja ghall-allegati ***danni aquilani***, xorta wahda li kieku l-Qorti kella tiddecidi li l-agir tal-konvenut huwa kolpuz u tiddikjarah responsabbli ghal-danni, l-attrici tkun tista’ tagixxi kontra l-propjeta` ta’ l-attur, liema propjeta` hija dwar dak li jifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti nofs tal-konvenut u nofs ta’ Franca Muscat, u ghalhekk sewwa li qedha fil-kawza u l-Qorti ghalhekk qed tichad din l-eccezzjoni.

***D4. Sostenibilita` tat-tielet eccezzjoni***

It-tielet eccezzjoni hi li c-citazzjoni kif formulata ma taghtix il-kawzali li fuqha l-attrici qed tibbaza r-responsabilta` tal-konvenuti skond il-ligi. Izda din il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali fejn qal li din it-tielet

eccezzjoni tal-konvenuti hi inaccettabbli. L-attrici qed tallega negligenza, inefficjenza u imperizja da parti tal-konvenut fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu bhala tabib u konsegwentement qed titlob danni. Jigifieri din l-eccezzjoni hi ghal kollox insostenibbli u tichadha.

***D5. Il-meritu tal-kawza***

Bhala raba' eccezzjoni l-konvenuti sostnew li l-intervent kirurgiku operat fuq l-attrici indikat wara rizultati tal-laboratorju u sar skond id-dettami tax-xjenza u tal-professjoni medika.

Jidher li l-ilment ta' l-attrici hu bazat fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' diligenza u ezercizzju ta' l-arti u s-sengha u l-professjonalita` rikjesta mil-ligi u li l-konvenut naqas li jottjeni ***an informed consent*** u li naqas li jsegwi lill-pazjenta u jadopera t-***treatment*** u mizuri rimedjali biex jittratta l-kundizzjoni medika ta' l-attrici wara l-***colposcopy***. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li l-espert mediku semma fir-rapport tieghu fejn f'dan ir-rigward ma sab xejn censurabbli fl-agir tal-konvenut. L-istess espert mediku b'ebda mod ma sab li l-konvenut ma kellux il-kapacitajiet biex jaghmel l-intervent imsemmi. Anqas Dr. Gatt ma kien sab l-intervent bhala wiehed difettuz. L-infezzjoni nnifisha mhux necessarjament twassal ghar-responsabbilta` tal-konvenut. Irrizulta mix-xhieda li l-attrici giet segwita waqt it-tqala u wara nghatat il-parir taghmel ***smear test*** u in segwitu l-***colposcopy***. Meta r-rapport tal-laboratorju kien jindika li mhux kollox sew, Dr. Muscat inkariga lin-***nurse*** Calleja biex tinforma lill-attrici biex ikun jista' jsir il-***colposcopy*** u waqt dan l-ahhar intervent billi rrizulta bzonn, sar ukoll ***biopsy*** halli jigu eliminati l-***areas*** fl-ghonq ta' l-utru li kienu affetti. In segwitu hi ntalbet tmur lura ghal ***check up*** u anke meta kien hemm indikazzjoni ta' l-infezzjoni nghatat trattament iehor b'antibijotici u b'***douches***. Ma gie b'ebda mod ippruvat li l-antibijotici suggeriti ma kienux adegwati.

***D6. Responsabbilta` ta' tabib fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu***

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Lulju 1994 fl-ismijiet **Josephine Borg et vs Dr. Anthony**

**Fiorini** fuq allegazzjoni li l-konvenut ma ezercitax il-professjoni tieghu b'dik il-hila, arti u sengha li tezigi l-ligi, il-Qorti wara li ezaminat il-gurisprudenza u duttrina riferibbli ikkonkludiet li l-konvenut ma kienx agixxa b'xi mod mhux mistenni minn persuna fil-kariga tieghu u li ghalhekk ma setax jinghad li naqas minn dak mistenni minn professjonista fl-ezercizzju tal-professjoni.

Fl-imsemmija kawza, il-Qorti spjegat diversi principji li jirregolaw ir-responsabbilta` tat-tabib. Dawn jinkludu s-segwenti:

i) Ir-responsabbilta` tat-tabib hija l-istess responsabilita` li l-qrati taghna diversi drabi spjegawha fil-konfront tal-professjonista. Il-ligi taghna ma taghtix, bhalma jaghtu legislazzjonijiet ohrajn, definizzjoni preciza tal-grad ta' responsabilita` li ghandu jigi ezercitat minn tabib ***qua*** tabib.

ii) Huma ghalhekk applikabbli l-1074 u 1075 (illum artikoli 1031 u 1032) tal-Kodici Civili li jistabilixxu l-principju li kull persuna ghandha tirrispondi ghall-hsara li tigri bi htija taghha, u li jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-attenzjoni ta' '***bonus pater familias***', izda f'difett ta' disposizzjoni espressa fil-ligi, hadd ma jirrispondi ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni fi grad akbar**. (Victor Savona pro et noe vs Dr. Peter Asphar et**, App. Civ., 2.4.1951).

iii) ***La colpa e' un' ipotesi giuridica e generica finche` sta nelle disposizioni della legge o sui trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifika quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili.*** **(Calafato vs Grech**: App., 23.11.1921, Vol. XXIV.I.893)

iv) Huwa l-attur li jallega li sofra l-hsara bi htija tal-konvenut illi ghandu l-obbligu li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni li juru dik il-htija tal-konvenut.

v) ***Non puo` annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioe` che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacita` di chi la esercita.*** **(Giorgi: Delle Obbligazioni**, vol. V, par. 155, pag. 252).

***vi) Nelle professioni c'e` tutto un campo insindicabile ed impunibile, ed e' quello che li diritto inglese chiama 'errore di gudizio'. Il professionista, cioe` di fronte ad un caso pratico, valutata le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuna risponde, se non e` fondato su evidenti errori di ricerca e di dottorina.***

**(Cogliolo: Scritti vari di Diritto Privato, "Teoria delle Colpe"**, Vol. II, pag. 137**)**. Fl-istess sens fil-kawza Buttigieg vs Hirst noe, il-Qorti ta' l-Appell kienet spjegat li:
"Il-Professjonista mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke' dan l-izball ma kienx grossolan u ammenokke' il-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' attenzjni ta' '***bonus pater familias***'."
(App., 16.2.1945, Kollez. Vol. XXXII.I.163). L-istess principju kien gie adottat fil-kawza **Cremona vs Cremona**, App., 13.2.1905, u fil-kawza **Barbara vs Notaro Vella**, App., 21.1.1929, Kollez. Vol. XXVII.I.262).

vii) Mid-duttrina u mill-gurispridenza fuq citati ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenokke` dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke` l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' '***bonus pater familias***'. **(Savona pro et ne vs Dr. Asphar et).**

Dan jirrafforza l-kuncett li l-agir tal-konvenut fil-mod ta' kif ghamel l-interventi ma tistax tinstab htija fih izda l-Qorti mhix sodisfatta dwar l-informazzjoni li giet moghtija lill-attrici precedentement ghall-interventi. Fir-risposti ta' Dr. Agius waqt l-eskussjoni dan semma li:

"Jidher li kemm l-anestezija kif ukoll l-'***informed consent***' aktarx li ma kienux adegwati ghall-procedura improvisa li l-konvenut wettaq. Waqt proceduri improvisi jista' jigri li kemm l-anestezija kif ukoll il-kunsens jista' jonqsu li jkunu ezegwiti sewwa…

Ma nara l-ebda negligenza u inkompetenza min-naha ta' l-operatur fil-kaz odjern. L-intenzjoni tal-konvenut kienet dik li jaghmel ***a diagnostic colposcopy***. Imma meta huwa sab li kien hemm stat ta' suspett fis-'***cervix***' ferm aktar milli kien jindika fir-rapport tas-***smear test*** (li mhux l-ewwel darba li dan jista' jigri) huwa optja ghall-procedura ta' ***therapeutic colposcopy*** u nehha dak l-ammont ta' tessut li deherlu li kien suspettuz mill-ghonq ta' l-utru…

Qal li l-pazjenta dejjem ghandha tigi konsultata skond ic-cirkostanzi li jkun hemm. F'dan il-kaz sar ***diagnostic*** u ndunaw li kien hemm bzonn ta' ***Therapeutic Colposcopy***. Waqt it-***Therapeutic Colposcopy*** indunaw ukoll li hemm iktar xi tnehhi b'testijiet li ghamlu bl-***acetic acid***. Qal li ma tistax tkun taf qabel. It-tabib improviza u sabu li kien hemm CIN 11. CIN 111 tghid iva taghmilha improviza, mhux improviza taghmel il-Lletz imma din il-Lletz gie uzat wara li dawk it-testijiet li saru li kien hemm bzonn tnehhihom dawk it-***tissues***. Mistoqsi jekk wiehed setax jipposponi d-decizjoni ghall-intervent bil-Lletz irrisponda li la tibda haga trid tispiccaha dak il-hin. Il-konvenut ipprova jaghmel a ***Diagnostic Colposcopy*** u waqtha nduna li hemm ferm iktar milli suppost hemm u ddecieda li jaghmel a ***Therapeutic Colposcopy***. Ix-xhud qal li l-konvenut seta' qalilha li kien hemm aktar milli kien haseb hu u hi tiddeciedi jkomplix imma sostna li jekk it-***Therapeutic Colposcopy*** ikun bdiha, ikun ta' detriment ghall-pazjenta jekk ma tkomplihiex u skond li ssib taghmel dak il-hin u ma tistax tanticipa li ser ikun aghar jew ahjar."

Ghalhekk jidher li l-agir tal-konvenut kien kollu tajjeb hlief dwar il-fatt li l-attrici ma gietx sufficjentement mgharrfa bizzejjed kif ghandu jkun b'dak li setghet tghaddi minnu meta pprezentat ruhha bhala pazjent bl-ilment mediku partikolari taghha. Il-konvenut ipprova jeskulpa l-agir tieghu billi semma proceduri stabbiliti ta' taghrif fil-***clinic***

tieghu u dak li messha ghamlet Ms. Anne Calleja, l-assistenta tieghu, izda fil-fehma tal-Qorti dan mhux sufficjenti. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-periti nominati li kien l-obbligu tal-konvenut li jispjega lill-attrici li setghu jinqalghu cirkostanzi fejn il-konvenut ikollu certu margini ta' diskrezzjoni biex isir dak li ghandu jsir skond is-sengha u l-arti. Huwa veru li l-fatt tan-nuqqas ta' taghrif adegwat da parti tal-konvenut lill-attrici ma kkagunalha ebda danni mill-aspett mediku izda certament gab preokkupazzjoni u ansjeta` fl-attrici. Infatti l-Qorti tirreferi ghal dak li semma l-perit legali f'paragrafu 8 tar-rapport tieghu fejn qies dawn ic-cirkostanzi bhala specjali u li ghalhekk kellu jissuggerixxi temperament notevoli fil-***capo spese***.

***<u>D7. Mere possibility u moral certainty</u>***

Il-Qorti ma tridx timxi f'dan ir-rigward fuq il-kuncett ta' ***mere possibility*** izda fuq wiehed ta' ***moral certainty***. Huwa ghalhekk, li jrid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-att jew ommissjoni tal-konvenut, u dak li gara. Gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana li:

"Il-Qrati Taghna fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt li f'kawza kriminali, l-htija tal-akkuzat trid tigi ppruvata ***"beyond reasonable doubt,"*** f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm ***"moral certainty***", certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm ***"a mere possibility".***

"Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili, hija l-effett tal-***"balance of probabilities."***

(Ara **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace,** Appell Civili deciza fil-5 ta' Marzu 1986, u **Zammit vs Petrococchino noe** deciza fil- 25 ta' Frar 1952).

Dan iwassal ghall-fatt li l-Qorti trid thoss li ghandha ***moral certainty*** li l-konvenut kien responsabbli ghal xi danni biex tkun tista' ssib htija fl-agir tieghu. Fil-kaz in ezami fuq

il-***balance of probabilities***, il-Qorti ghandha c-certezza morali li l-agir tal-konvenut fl-intervent ma giex pruvat li kien censurabbli u li kkawza danni lill-attrici.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni.
Tichad it-tieni eccezzjoni ghall-motivi fuq imsemmija.
Tichad it-tielet eccezzjoni ghar-ragunijiet fuq esposti.
Dwar ir-raba' eccezzjoni tilqaghha fis-sens li ma giex ippruvat li l-attrici sofriet xi dannu minhabba nuqqas ta' hila tal-konvenut izda fl-istess hin issib li l-konvenut kellu l-obbligu li jispjega b'mod car lill-attrici l-possibbiltajiet ta' l-intervent. Ghalhekk ovvjament it-talbiet attrici huma michuda.

Dwar spejjez, fic-cirkostanzi tal-kaz parti minn hamsa (1/5) ghall-konvenut u erba' partijiet minn hamsa (4/5) ghall-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------